

# il-miġemgħa

Parroċċa Familja Mqaddsa - L-Iklin TELEFON: 21 423 003 EMAIL: parrocca.iklin@maltadiocese.org Nru 214 | Marzu 2020

## Ħmistax-il sena ilu....

Fid-19 ta' Marzu 2005, lejn it-tmiem tal-episkopat twil tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta, Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca iddikjara ż-Żona Pastorali tal-Iklin bħala Parroċċa.

Dan għamlu permezz ta' digriet maħruġ mill-Kurja tal-Arċisqof bid-data tal-1 ta' Marzu 2005. Dan id-Digriet ġie ffirmat mill-istess Arċisqof Ġużeppi Mercieca u minn Monsinjur Carmel Zammit, dak iż-żmien Kanċillier tal-Kurja u llum Isqof tad-Djoċesi ta' Ġibilta.

Id-Digriet jgħid li wara li l-Arċisqof sama' l-parir tar-Rettur taż-Żona Awtonoma ta' l-Iklin, kif ukoll id-Delegat tiegħu fis-Segretarjat għall-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi u tal-Kunsill Presbiterali Djoċesan, iwaqqaf u jistabilixxi l-komunita' Nisranija li tgħix fl-inħawi tal-Iklin bħala Parroċċa bit-titolu tal-Familja Mqaddsa.

Il-limiti ta' din il-parroċċa l-ġdida huma dawk kif ġew stabiliti fid-Digriet tal-istess Arċisqof Ġużeppi Mercieca tat-twaqqif ta' din iż-Żona Interparrokkjali Awtonoma tal-25 ta' Jannar 2003.

L-Arċisqof Mercieca ħatar bħala l-ewwel kappillan tal-Knisja Parrokkjali tal-Iklin lir-Reverendu Kanonku Onorarju Dun Karm Aquilina Lic.D., biex ikun ir-ragħaj spiritwali tal-parroċċa ta' dan it-territorju.

Il-kliem eżatt tad-Digriet tal-Arċisqof Mercieca kien hekk: ' Hu ġie msejjaħ ikollu sehem fil-ministeru ta' Kristu u għandu jeżerċita l-kura pastorali fil-komunita afdata f'idejh taħt l-awtorita tiegħi bħala Isqof. Skont il-ħsieb tal-Knisja, huwa għandu jaqdi għall-ġid tal-komunita' parrokkjali d-dmirijiet li jgħallem, iqaddes u jmexxi, bil-kooperazzjoni tas-saċerdoti l-oħra w l-għajnuna tal-lajċi.'

Billi Dun Karm kien diġa' Rettur ta' din il-parroċċa, ġie eżentat miċ-ċerimonja tal-pussess tal-Parroċċa, iżda baqa obbligat li jagħmel il-professjoni tal-fidi. Dan l-obbligu Dun Karm wettqu quddiem l-Isqof Awżiljarju Mons Annetto Depasquale u Laurence Bonnici kien xhud ta' din l-istqarrija.

L-Arċisqof Mercieca permezz ta' dak id-Digriet kien irrikmanda lil dawk kollha li jgħammru fl-inħawi tal-Iklin biex 'jintrabtu b'imħabba, rispett u sens ta' kooperazzjoni mal-parroċċa l-ġdida.'

Id-Digriet daħal fis-seħħ b'effett mid-19 ta' Marzu 2005… u hekk l-Iklin sar Parroċċa. Iċ-ċelebrazzjoni Liturġika tal-Inawgurazzjoni tal-Komunità tal-Iklin bħala Parroċċa u Preżentazzjoni tal-ewwel Kappillan saret nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu 2005, l-Għid il-Kbir, u tmexxiet minn Monsinjur Carmelo Zammit, Kanċillier tal-Kurja tal-Arċisqof.

Preżenti għal dik il-quddiesa kien hemm Monsinjur Charles J. Scicluna, illum Arċisqof ta' Malta, u li sa għaxar snin qabel kien iservi l-Iklin meta kien għadu jagħmel ma' Ħal Lija. Ukoll preżenti kien hemm Dun Joe Galea Curmi, dak iż-żmien Assistent Segretarju Pastorali tal-Arċidjoċesi u llum Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

**Ħmistax-il sena ilu wkoll...**
Id-djarju personali għal Marzu 2005, tal-ewwel

Kappillan tal-Iklin Monsinjur Karm Aquilina, ikkonservat fl-Arkivju Parrokkjali, juri li fit-12 ta' Marzu 2005 saru l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tal-Iklin. Imbagħad, skont l-istess djarju, f'Ħamis ix-Xirka li kien fl-24 ta' Marzu ta' wara, il-Kappillan il-ġdid waqt il-Liturġija tal-Ħasil tar-Riġlejn ħasel , fost l-oħrajn, ir-riġlejn tas-Sindku ri-elett tal-Iklin is-Sur Tony Dalli.

**Ħmistax-il sena ilu wkoll...**

Il-ħarġa numru 58 tar-Rivista Komunitarja 'Il-Miġemgħa' għall-Festa tal-Għid, f'Marzu 2005 tagħti ħjiel ta' x'kien qed jiġri dak iż-żmien. Kien hemm artiklu twil, probabilment mill-pinna ta' Dun Pawl Camilleri f'forma ta' mistoqsija u tweġiba dwar is-Sinodu Djoċesan li kien għaddej dak iż-żmien u li sa Ottubru 2005 kellu jkun għadu fil-fażi ta' konsultazzjoni.

Ġie mħabbar ukoll l-ewwel programm tat-Tberik tal-Familji fl-Iklin bħala Parroċċa. Dan beda l-għada tal-Għid il-Kbir, it-Tnejn 28 ta' Marzu u ntemm il-Ħamis 4 ta' Mejju.

Il-Kappillan il-ġdid ħa ħsieb li jsir ċensiment tal-membri tal-parroċċa l-ġdida, u qassam formula dwar informazzjoni fuq il-familji u l-membri tagħhom. Din ġiet mitluba biex ikun jista jsir studju w analiżi dwar il-kompożizzjoni tal-parroċċa tal-Iklin. Din il-formula ġiet miġbura waqt it-Tberik tal-Familji.

ARCHDIOCESE OF MALTA

Vigarjat Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi

## VIŻTA PASTORALI TAL-ISQOF AWŻILJARJU MONS. JOSEPH GALEA-CURMI
## **9-14 TA' MARZU 2019**

Għażiż Dun Keith,

Nirringrazzjak talli lqajtna għall-Viżta Pastorali fil-parroċċa tal-Iklin. Mons. Isqof Joseph Galea-Curmi ħa gost ħafna bil-viżta u bil-ħidma li twettqu fil-parroċċa tagħkom.

Hu ta' sodifazzjon kbir għalina li naraw parroċċa ħajja bħalma hi dik tal-Iklin, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tfal, żgħażagħ, katekeżi u formazzjoni. Ta' min jinnota wkoll l-ammont sostanzjali ta' riżorsi li investiet fihom il-parroċċa biex tkun tista' twettaq aħjar il-ħidma pastorali tagħha u tgħix il-liturġija b'mod aktar dinjituż.

Bħala Segretarjat Parroċċi, inħeġġukom biex fis-snin li ġejjin tikkonsolidaw il-ħidma fejjieda li qed issir. Hi ħaġa sabiħa ħafna li tara parroċċa tagħmel l-almu tagħha biex tkun aktar inklussiva u nkompli nħeġġiġkom issaħħu dan l-aspett pastorali tal-parroċċa.

Għalkemm kif ġie innutat, diġà qed issir ħafna ħidma f'dawn l-oqsma, żewġ punti li tajjeb li l-parroċċa tkompli tiffoka fuqhom huma:

i. Il-formazzjoni: kemm dik tal-operaturi pastorali, kif ukoll tal-poplu inġenerali;
ii. L-importanza li tingħata lill-ħajja spiritwali tal-individwu, b'aċċent partikolari fuq għajnuna biex tissaħħaħ il-ħajja ta' talb.

Tajjeb ukoll li punti oħra li tqajmu waqt il-viżta jew fir-rapporti tas-Segretarjati jew Kummissjonijiet konċernati jkomplu jiġu diskussi.

Mill-ġdid intenni l-appoġġ tas-Segretarjat Parroċċi f'dak kollu li pastoralment tista' tiġi bżonn il-parroċċa.

Inselli għalik

Fr Andre Zaffarese
Delegat għall-Ħajja u l-Ħidma fil-Parroċċi

# KALENDARJU TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL



**Il-Ħadd 1 ta' Marzu**
9:45am: Seminar għat-tfal kollha ta' Sena 5, 6 u 7 u l-ġenituri tagħhom. 11:15am: Quddiesa għat-tfal u l-ġenituri. Tanima l-klassi ta' Sena 5. (Kummissjoni Tfal).

**Mit-Tnejn 2 ta' Marzu sal-Ħamis 2 t'April**
Prayer Spaces. Spazju u ħin għal attivitajiet ta' talb u riflessjoni f'oasi ta' ġabra u kalma.

**It-Tnejn 23 ta' Marzu u l-Ħamis 26 ta' Marzu**
Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal ta' Sena 2, 3 u 4. Il-ġenituri mistednin. Jinġabar il-Karus b'riżq id-Dar tal-Providenza.

**It-Tnejn 30 ta' Marzu u l-Ħamis 2 t'April**
Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal ta' Sena 5, 6 u 7. Il-ġenituri mistednin. Jinġabar il-Karus b'riżq id-Dar tal-Providenza.

## PELLEGRINAĠĠ TAR-RANDAN

It-Tlieta 17 ta' Marzu kulħadd mistieden għall-Pellegrinaġġ Parrokkjali tar-Randan għar-Redentur tal-Isla, immexxi l-Kappillan Dun Keith Bonnici.
**Nitilqu mill-Iklin fid-9.00 am**

Quddiesa fil-Bażilika Arċipretali tal-Isla fl-10 am. Wara kafe' il-Catalan Restaurant, ix-Xgħajra
**Biljetti minngħand Rita Pulis u l-helpers**

## PROGRAMM TAŻ-ŻJARA TAL-ET MONS JOSEPH GALEA CURMI, Isqof Awżiljarju ta' Malta u Vigarju Ġenerali, fl-okkażżjoni tal-ħmistax-il sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa fl-Iklin nhar il-Ħamis 19 ta' Marzu 2020

**1800** Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr lil Alla mmexxijja mill-ET Mons Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju ta' Malta u Vigarju Ġenerali. Wara l-quddiesa refreshments w opportunita li kulħadd isellem lil Isqof Galea Curmi

**1930** Monsinjur Isqof jiltaqa mal-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fid-Dar Parrokkjali tal-Iklin u jiekol magħhom. Issir diskussjoni dwar ir-rapporti li ħarġu mill-Vista Pastorali mwettqa mill-Isqof Galea Curmi f'Marzu 2019.

## MARIJA TGĦALLIMNA NITOLBU

L-Erbgħa 1 t'April 2020
**Via Matris animata fil-Knisja**
Parrokkjali fis-6.40 pm
Nimxu flimkien ma' Marija

Addolorata fi tbatijietha u bil-fidi ta' Marija nistennew lil Ġesù Rxoxt
**Dan iċ-ċelebrazzjoni Marjana hi maħsuba għal kulħadd.**

# KALENDARJU LITURĠIKU GĦAL MARZU

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 | L-Ewwel Ħadd tar-Randan<br>Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u 6.00pm |
| Il-Ħadd 8 | It-Tieni Ħadd tar-Randan<br>Quddies: 8.30,10.00, 11.15am u fis-6.00pm |
| Il-Ħadd 15 | It-Tielet Ħadd tar-Randan<br>Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u 6.00pm |
| Il-Ħamis 19 | Solennità ta' San Ġużepp, Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija<br>Quddies: 7.45, 8.30am u fis-6.15pm |
| Il-Ħadd 22 | Ir-Raba' Ħadd tar-Randan<br>Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u 6.00pm |
| L-Erbgħa 25 | Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej<br>Quddies: 6.45am u fis-6.15pm |
| Il-Ħadd 29 | Il-Ħames Ħadd tar-Randan<br>Quddies: 8.30am, 10.00, 11.15am u 6.00pm |

## IRTIR BIL-MIXI NIMXU U NITOLBU

Il-Ħadd 29 ta' Marzu ġewwa Selmun fis-2.30 pm.

**"Ejjew intom waħedkom f'post imwarrab u strieħu ftit" (Mk 6,30)**

Fr Jimmy jeħodna sa Selmun, jispjegalna ftit mill-istorja tal-post u jgħinna nitolbu fuq dak li naraw quddiemna.

**Janima: Dun Jimmy Bonnici**

Dan l-irtir huwa maħsub għal kulħadd bi stedina partikulari għall-membri taż-ŻAK u ġenituri tagħhom, ġenituri u tfal tal-katekiżmu u ġenituri jew kustodji tal-adoloxxenti u tfal.

TUL IR-RANDAN

### EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD

L-ewwel ħames Ħamisijiet tar- Randan 27 ta' Frar, 5, 12, u 26 ta' Marzu 2020 wara l-quddiesa tat-8.30 am.

**Janima: P Renald Lofreda O Carm, Kappillan fil-Parroċċa tal-Balluta.**

### EŻERĊIZZI GĦAL MIŻŻEWĠIN U DAWK LI QEGĦDIN F'RELAZZJONI STABBLI

It-Tnejn 16, it-Tlieta 17 u l-Erbgħa 18 u l-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2020 fis-6.40 pm.

**Janima: Mons Frans Abdilla**

Dun Frans qeda bħala ragħaj spiritwali f'diversi parroċċi fosthom San Ġorġ, Ħal Qormi. Għandu għal qalbu il-ministeru fost iż-żgħażagħ. Kien għal diversi snin Vigarju Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi.